MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MIRIAM HAYMAN

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2014

Numru. 105/2006

**Il-Pulizija**

**Assistent Kummissarju Norbert Ciappara**

**Vs**

**Omissis;**

**Suzette Farrugia, bint Francis u Diane nee' Roberts, imwielda nhar is-17 ta' Lulju, 1981, residenti fil-fond Binja Hesri, Entratura L, Flat 1, Triq Dun Anton Vella, Siggiewi, detentrici tal-karta tal-identit' numru 541581M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmija **<u>Suzette Farrugia</u>** li giet akkuzata talli:

Nhar id-9 ta’ Frar, 2002, u matul il-granet ta’ qabel din id-data, assocjat ruhha ma’ xi persuna jew persuni ohra f’Malta sabiex tbiegh jew tittraffika medicina (eroina) f’Malta kontra d-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, jew ippromwoviet, ikkostitwixxiet, organizzat, jew iffinanzjat l-assoccjazzjoni;

U aktar talli forniet jew prokurat jew offriet li tforni jew li tipprokura d-droga eroina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, lil persuna jew persuni ghall-uzu ta’ persuna/i minghajr ma kellha licenzja mill-President ta’ Malta minghajr ma kienet awtorizzata bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita’ moghtija mill-President ta’ Malta li tforni d-droga u minghajr ma kienet fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tas-Sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellha licenzja jew xort’ohra awtorizzata li timmanifattura jew tforni d-droga msemmija, u minghajr ma kellha licenzja li tipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati, u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli kellha fil-pussess taghha d-droga eroina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta ma kinitx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kinitx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija, u meta ma kinitx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess taghha, u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skont ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, **<u>liema droga nstabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu personali taghha</u>**.

Rat illi dawn il-proceduri bdew kontra Brian Pace u Suzette Farrugia;

Rat pero li minhabba li Brian Pace baqa’ ma nstabx, tard fil-mori ta’ dawn il-proceduri giet ordnata s-separazzjoni tal-gudizzju, **ghalhekk dan il-gudizzju huwa biss fil-konfront ta’ Suzette Farrugia**.

Rat illi Suzette Farrugia wiegbet illi ma kinitx hatja tal-akkuzi kif migjuba kontra taghha, u cioe’ assoccjazzjoni, traffikar, u pussess aggravat ta’ droga eroina.

Rat f’dan ir-rigward l-Ordni tal-Avukat Generali ghal proceduri Istruttorji taht il-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat illi aktar tard, l-Avukat Generali baghat il-Kontro Ordni taht l-istess Kapitolu, sabiex din il-kawza tkun tista’ tigi gudikata minn Qorti ta’ Gudikatura Kriminali (folio 284).

Ikkunsidrat, in ezami tal-akkuzi migjuba, ix-xhieda prodotti.

Beda biex jixhed l-**Ufficjal Prosekutur dak iz-zmien l-Ispettur Norbert Ciappara**.

Qal illi kien ircieva nformazzjoni li certu Brian Pace minn Bormla kien possibbilment qed jittraffika d-droga eroina fl-inhawi ta’ Bormla. Ghalhekk hu baghat nies mill-Iskwadra ta’ Kontra d-Droga jaghmlu investigazzjoni dwar dan.

Brian Pace ghalhekk gie mwaqqaf mill-istess Skwadra kif ser jirrizulta mix-xhieda sussegwenti, u Pace flimkien ma’ Suzette Farrugia ttiehdu ghandu u gew mitkellma minnu.

Xehed illi minn naha tieghu Brian Pace mhux biss kien irrilaxxa stqarrija, pero ghazel anke li jikkonferma l-istess quddiem il-Magistrat Inkwirenti, li barra x-xhieda guramentata anke ghamel id-debita Inkjesta - ezebita din fl-atti a folio 87, inkluza hemm ix-xhieda guramentata ta’ Brian Pace. Dwar din ix-xhieda mehuda ai termini tal-Artikolu 30A tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti ser taghmel l-osservazzjonijiet taghha aktar ‘l isfel.

Ezebixxa wkoll l-Ufficjal Prosekutur l-istqarrija ta’ Suzette Farrugia, Dok SF (folio 25). Issa din l-istqarrija ttiehdet fis-sena 2002, fl-10 ta’ Frar – ovvjament qabel l-emendi tas-sena 2010 dwar l-assistenza ta’ konsultazzjoni legali ma’ avukat. Ittiehdet pero skont il-Ligi vigenti dak iz-zmien – cioe’ wara li Suzette Farrugia giet moghtija d-debita twissija. Kellha dak iz-zmien l-eta’ ta’ ghoxrin (20) sena.

Certament din l-eta’ mhix xi wahda avvanzata, pero Farrugia zgur illi ma tistax titqies minhabba hekk vulnerabbli – dan il-Qorti qed tghidu in vista’ ta’ varji decizjonijiet moghtija mill-Qrati taghna (inkluza din kif preseduta), dwar il-vulnerabbilta’ tal-imputat waqt ir-rilaxx tal-istqarrija. Kienet adulta bizzejjed per ezempju biex tivvota, tizzewweg, u tinnegozja. Oltre dan, hawn il-Qorti taghmel enfasi akbar ghall-fedina penali taghha ezebita a folio 10. Turi din illi Farrugia, gia’ fis-sena 1998 kienet fil-pussess tad-droga eroina, u ffaccjat gudizzju fis-sena 1999. Ovvjament kull persuna investigata mill-pulizija, anke l-aktar kriminal stagonat, jghaddi minn certu ammont ta’ tensjoni – li jigi pretiz mod iehor mhux reali. Pero, minn gia’ habbat wiccu mal-gustizzja, qajla jista’ jinvoka l-vulnerabbilta’ tieghu f’sitwazzjonijiet bhal dawn.

Rat ukoll f’dan ir-rigward, illi d-Difiza ezentat lill-Prosekuzzjoni minn necessita’ ta’ xhieda dwar l-istqarrija (folio 166). Il-Qorti pero, ghalkemm rat tali esenzjoni, tqis l-istqarrija bhala wahda ammissibbli fuq ir-ragunamenti gia’ hawn fuq esposti Minnha, u mhux minhabba dak verbalizzat mid-Difiza.

Qalet Farrugia fl-istqarrija taghha u kkonfermat li kellha karozza Fiat Punto wine bin-numru tar-registrazzjoni WDP001; li kienet taf lil Brian Pace; iltaqghu anke l-programm ta’ Santa Marija. Tatu t-telephone number taghha u cemplilha. Ftehmu li kellhom jiltaqghu darba li hi tirritorna mis-safra li kellha taghmel. Meta ltaqghu tghid illi hi u Brian tkellmu fuq il-flus u dejn.

Ammettiet illi anke hi kienet broke u bla flus. Tghid illi Brian, ghax kienet broke, anke kien issuggerielha li tiltaqa’ ma’ xi ragel - ghalkemm hasbitha qatt ma marret ma’ hadd.

Qalet, mistoqsija dwar ftehim ta’ negozju bejnha u bejn Brian, illi hi qatt ma ghamlet negozju ta’ droga ma’ Brian, ghalkemm tghid illi kien wieghdha li jaghtieha l-flus darba li jbiegh xi haga.

Qalet illi kienet ilha ma tuza droga ghal xi gimaghtejn qabel l-istqarrija. Innegat illi hi kellha gharus jew boyfriend, ghalkemm ammettiet illi kienet ghamlet zmien ma’ guvni li ma riditx tghid min kien.

Ikkonfermat illi l-gurnata ta’ qabel hi kienet iltaqghet ma’ Brian, martu Nathalie, u iehor li kien jismu David. Qalet ukoll illi meta raw lill-pulizija,

Brian qabad isuq u li beda jippanikja u rat lil Nathalie tarmi. Rat gramma f'idejn Brian. Rat lil Nathalie tigbed borza minn gol-boots, tghid illi dak il-hin ippanikkjat u qalet lil Nathalie biex ittihielha (id-droga) ghax bezghet.

Ammettiet illi hi ramiet l-smack minn naha ta' fejn kienet bil-qieghda hi fil-karozza. Qalet illi fil-karozza hi kienet bil-qieghda wara Nathalie li kienet fil-passenger seat. Ammettiet illi d-droga li hi ferrxet 'il barra minn gol-karozza kienet l-istess li l-pulizija gabru. Qalet ukoll illi meta ramiet id-droga minn naha taghha, parti minnha marret anke fl-arja. Qalet illi hi ma kellha ebda droga fuqha, li tefghet id-droga bara biss ghax ippanikkjat.

Innegat illi hi qatt ghamlet negozju ma' Brian biex tinnegozja d-droga, ghalkemm tghid illi kienet taf illi Brian dakinhar kellu ghax hekk kien qallha.

Innegat dak illi qal Brian fuqha – cioe' li huma wzaw id-droga flimkien. Innegat dak illi qal Brian illi hi kienet gabet id-droga minghand l-gharus taghha. Spjegat illi hi harget tigri minn gol-karozza u nizlet kokka mal-art ghaliex bezghet.

Spiccat l-istqarrija billi qalet illi hi ma kellhix x'taqsam mad-droga, kienet biss ma' Brian ghax kien cemplilha hu.

Issa fl-ewwel lok, il-Qorti kif taghmel dejjem, trid tippuntwalizza, illi ai termini tal-Artikolu 658 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, din l-istqarrija tista' taghmel prova biss kontra l-istess Farrugia.

Minn naha l-ohra giet anke prezentata l-istqarrija guramentata ta' Brian Pace.

Issa kif ben jirrizulta mill-atti u gia' gie spjegat, minhabba li Pace aktarx jinsab mahrub u konsegwentement ma baqax jidher f'dawn il-proceduri, huwa ma seta' qatt jigi kontro-ezaminat. Kieku pero dan ma kinx il-kaz gialadarba hu kien ko-imputat, kellu dejjem id-dritt tas-silenzju.

Bla dubbju ta' xejn, din ix-xhieda hekk mehuda, in kwantu stqarrija, hija ammissibbli ai termini tal-Artikolu 30A tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, li jaqra:

"*30A. Minkejja d-disposizzjonijiet tal-artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali, meta persuna tkun involuta f 'xi reat kontra din l-Ordinanza, kull dikjarazzjoni magħmula minn dik il- persuna u li tiġi konfermata bil-ġurament quddiem maġistrat, u kull xiehda mogħtija minn dik il-persuna quddiem xi qorti tista'*

*tinġieb bi prova kontra kull persuna oħra akkużata b'reat kontra l-imsemmija Ordinanza, kemm-il darba jinsab li dik id-dikjarazzjoni jew xiehda tkun saret jew ingħatat volontarjament, u ma ġietx imgiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża, jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi.*"

Hawn il-Qorti ser taghmel referenza ghal dak illi qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fir-rigward ta' stqarrija guramentata, li ma setghetx tigi kontrollata u ezaminata mid-Difiza, fid-decizjoni fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Pierre Gravina", datata 26 ta' Mejju, 2003:

"*Issa, huwa principju generali li "...ix-xhieda ghandhom dejjem jigu ezaminati fil-Qorti u viva voce" (Artikolu 646(1), Kap. 9). Ghal din ir-regola, pero`, hemm certi eccezzjonijiet li jipprovdi ghalihom l-istess Artikolu 646 fis-subartikoli li jigu wara s-subartikolu (1). Hemm ukoll l-eccezzjoni tad-deposizzjoni mehuda in segwitu ghall-hrug ta' ittri rogatorjali bil-procedura traccjata fl-Artikolu 399 tal-Kodici Kriminali, procedura li giet ritenuta applikabbli anke ghal kawzi sommarji (ara* ***Il-Pulizija v. Angelo Grima*** *App. Krim. 18 ta' Ottubru, 1952), u li fil-prattika giet ukoll applikata mill-Qorti Kriminali f'xi kazijiet wara l-hrug tal-att ta' akkuza. U hemm l-eccezzjoni ta' meta xhud jinstema' f'daru minhabba mard jew xjuhija (Art. 647, Kap. 9). Jigi osservat li anke fil-kaz ta' xiehda permezz ta' rogatorji u ta' xhieda li jinstemghu f'darhom, l-imputat jew akkuzat ghandu dejjem il-jedd li jkun presenti waqt is-smigh tax-xhud jew li jahtar rappresentant tieghu ghal waqt tali smigh – Art. 647(3) u 399(2). L-ewwel sentenza tal-Artikolu 30A tal-Kap. 101 taghmilha cara li dak l-Artikolu qed jipprovdi ukoll eccezzjoni, pero` mhux eccezzjoni ghar-regola kontenuta fl-Artikolu 646(1) tal-Kodici Kriminali izda ghar-regola kontenuta fl-Artikolu 661 ta' l-istess Kodici. Minn dan isegwi, li anke meta l-prosekuzzjoni tkun trid taghmel uzu minn dikjarazzjoni guramentata mehuda skond l- imsemmi Artikolu 30A, ir-regola ghandha tkun li minn ikun ghamel dik l-istqarrija ghandu jingieb fil-qorti biex l-imputat jew akkuzat ikun jista' jikkontroezaminah dawrha. S'intendi, dan ma jfissirx li jekk ix-xhud, meta jigi ezaminat jew kontro-ezaminat, ibiddel jew jirritratta minn dak li jkun qal fid-dikjarazzjoni guramentata, allura dik id-dikjarazzjoni (jew il-parti mibdula jew ritrattata) ma tkunx aktar tista' tittiehed bhala prova kontra l-akkuzat; il-gudikant jista' xorta wahda, wara li jkun sema' lix-xhud, jasal ghall-konkluzzjoni li il-verita` hija dik kontenuta fl-istqarrija guramenetata u mhux dak li jkun iddepona fil-qorti x-xhud. Ifisser biss li, bhala regola, min ikun ghamel tali stqarrija guramentata ghandu jingieb il-qorti ghall-fini ta' kontroll da parti tal-akkuzat jew imputat. F'dan is-sens ukoll esprimiet ruhha l-Qorti Ewropea fil-kawza* ***Kostovski v. Netherlands*** *(20 ta' Novembru, 1989) meta qalet li d-dritt ta' akkuzat li jikkonfronta xhud migjub kontra tieghu*

***does not mean, however, that in order to be used as evidence statements of witnesses should always be made at a public hearing in court: to use as evidence such statements obtained at the pre-trial stage is not in itself inconsistent with paragraphs (3)(d) and (1) of Article 6, provided the rights of the defence have been respected. As a rule, these rights require that an accused should be given an adequate and proper opportunity to challenge and question a witness against him, either at the time the witness was making his statement or at some later stage in the proceedings.***"

Bhall-kaz in ezami, apparti ghall-fatt illi Pace kien ko-akkuzat, dan qatt ma seta' jingab ghax ma nstabx. Allura d-Difiza baqghet ma setghet qatt tikkontrolla dak illi hu xehed quddiem il-Magistrat Inkwirenti, ghalhekk din il-Qorti ser tiskarta x-xhieda guramentata ta' Brian Pace.

Biss ghall-kompletezza, fuq dan il-punt issir referenza ghal decizjoni moghtija mill-Qorti Kriminali per il-Prim Imhallef Vincent De Gaetano fil-kawza fl-ismijiet "Ir-Repubblika ta' Malta vs Matthew John Migneco" (Att tal-Akkuza Numru 5/2009), deciza nhar it-8 ta' April, 2010, fejn dwar xhieda mehuda ai termini tal-Artikolu 30A tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, li tista' tkun xhieda ta' ko-akkuzat, qalet hekk:

"

*L-ewwel nett id-deposizzjoni, jew ahjar il-kopja tad-deposizzjoni, ta' Joseph Rizzo li tinsab a fol. 137 sa 144 tidher li hija deposizzjoni moghtija minn dan Rizzo quddiem Magistrat ghall-finijiet tar-redazzjoni ta' proces-verbal (ara fol. 128, 129, 131 u 135). Evidentement l-intestatura ta' pagna 137 ("Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja") hija zbaljata. Huwa evidenti wkoll li l-prosekuzzjoni qed iggib il quddiem din id-deposizzjoni – cioe` dik a fol. 137 sa 144 – in vista ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 30A tal-Kap. 101. S'intendi, dana l-Artikolu 30A tal-Kap. 101 irid dejjem jinqara fid-dawl tad-disposizzjonijiet generali tal-Kodici Kriminali (eccetwat l-Artikolu 661 tal-istess Kodici, li ghalih l-Artikolu 30A jaghmel deroga espressa). Issa, l-Artikoli 549(4) (u ma jistax ikun hemm dubju li l-intervent ta' Magistrat taht is-subartikoli (12) u (13) tal-Art. 24A tal-Kap. 101 hija forma ta' inkjesta dwar l-in genere b'modalitajiet kemm xejn differenti mehtiega ghall-finijiet tal-istess Kap. 101) u 646(2) tal-Kap. 9 huma cari fil-portata taghhom: id-deposizzjoni regolarment moghtija fl-inkjesta dwar l-in genere (bhalma hi dik a fol. 137 sa 144) tista' tingieb bhala prova, u mhux semplicement ghall-finijiet ta' kontroll, basta, pero`, li x-xhud jingieb ukoll fil-qorti biex jigi ezaminat viva voce...hlief*

*jekk ix-xhud ikun mejjet, ikun barra minn Malta jew ma jkunx jista' jinsab... (ara l-proviso tas-subartikolu (2) tal-imsemmi Artikolu 646). Mill-attijiet ta' l-istruttorja (fil-konfront ta' l-akkuzat Migneco) ma jirrizultax li dana Rizzo hu inammissibbli ghal xi raguni kontemplata fil-ligi, anqas li hu "ko-akkuzat" fis-sens kif il-gurisprudenza interpretat a contrario sensu l-Artikolu 636(b) tal-imsemmi Kap. 9. F'kaz li, fil-kors tal-guri kontra l-akkuzat Migneco, dana Rizzo jkun ghadu hekk "ko-akkuzat", allura huwa ma jkunx ammissibbli bhala xhud u anqas id-deposizzjoni tieghu hawn aktar 'l fuq imsemmija ma tkun hekk ammissibbli.*"

Xehdu pero anke l-pulizija li kienu nvoluti fl-insegwiment tal-vettura misjuqa minn Brian Pace, li fiha skondthom kien hemm ukoll Suzette Farrugia.

Minn naha tieghu **PC 10 Trevor Cassar Mallia** xehed illi fuq struzzjonijiet tal-Ispettur Norbert Ciappara (dak iz-zmien Spettur), biex isegwi lil Brian Pace stante li kellhom informazzjoni li kien qieghed ibiegh id-droga. Qal illi darba li marru fuq il-post u ppruvaw iwaqqfu lil Brian Pace, dan ghamel *u-turn* u dahal go zewg karozzi pparkjati, laqghet il-karozza tas-servizz u baqa' jsuq lejn l-ghassa. Gew imwaqqfa mill-pulizija anke bl-assistenza tat-tieni karozza.

Fil-vettura jghid ix-xhud illi kien hemm erbgha minn nies. Ra lil PC 599 johrog minn gol-vettura tas-servizz u jigbor xi paketti.

Xehed illi gew arrestati Brian Pace u Suzette Farrugia.

**PC 579 Antoine Micallef**, jixhed illi huma u nezlin lejn Bormla raw Vauxhall blue misjuqa minn Brian Pace. Qal illi dan malli nduna bil-pulizija, saq u laqghat zewg karozzi. Laqghat ukoll il-Lantra tas-servizz. Harab minn fuq il-post. Rah biss jahrab minn fuq il-post.

**PC 599 Clive Mangion** minn naha tieghu wkoll ikkonferma li kif Pace kien ser jigi mwaqqaf, dar u ghamel *u-turn* u baqa' diehel go zewg karozzi pparkjati. Zied illi ra pakketti hergin mit-tieqa tal-karozza, in-naha ta' Suzette Farrugia. Anzi zied illi dawn ramiethom Suzette. Qal illi f'idejha kellha borza bi trab abjad illi hi bdiet tferraq fit-triq. Meta waqfu bil-karozza, hu gabar l-affarijiet li ntremew minnha, pakkett u borza, it-tnejn bi trab abjad. Ghadda dawn lil Norbert Ciappara.

Spjega li Brian Pace kien ix-xufier, hdejh kien hemm Nathalie u warajha Suzette, wara Brian certu David. Spjega li minn got-tieqa (tal-karozza) ra lil Suzette bil-borza, tferrex it-trab fit-triq.

**<u>WPC 26 Diane Fenech</u>**, ukoll partecipanti f'dan l-insegwiment, xehdet illi wkoll innutat lil Suzette Farrugia li kellha borza li bdiet tqatta' u tarmi l-kontenut taghha mit-tieqa, tant illi xehdet illi beda jtir it-trab. Anke hi kkonfermat illi Suzette kienet bil-qieghda wara Nathalie.

Ukoll involut f'din l-osservazzjoni, **<u>PC 1086 Johann Micallef</u>** xehed illi f'Bormla raw vettura b'erba'(4) minn nies fiha, raw persuna taqsam u tavvicina lid-driver li gharaf bhala Brian Pace. Qal illi meta huma – il-pulizija, avvicinaw din il-vettura, dan Pace ghamel *u-turn*. Ra fil-vettura lil Suzette – l-imputata, tohrog idejha mit-tieqa, tiftah borza u tarmi t-trab. Ramiet anke borza vojta. Qal illi meta Brian waqqaf il-vettura, Suzette harget mill-istess u tbaxxiet kokka wara l-bieba tal-passiggier.

**<u>WPS 45 Marisa Bartolo</u>** wkoll xehdet dwar l-insegwiment u l-fatt illi l-vettura kienet misjuqa minn Brian Pace, u li Suzette Farrugia li kienet bil-qieghda wara l-passiggier ta' quddiem. Xehdet illi rat li din Farrugia li kellha xi haga f'idejha li bdiet tarmi minn got-tieqa. Rat it-trab itir, rat li anke ramiet borza tal-plastic. Ziedet illi huma – il-pulizija, gabru l-affarijiet li ntremew, giet elevata skondtha borza tal-plastic kontenenti trab u sustanza ohra li kienet fil-vettura. Xehdet illi hi gabret borza tal-plastic li kien fiha xi trab u xi trab iehor, li waqa' mal-art qisu cappa.

Giet fuq tali osservazzjoni maghmula Inkjesta Magisterjali – ghalhekk l-esperti ezebew ir-relazzjonijiet taghhom in esekuzzjoni tal-inkarigi lilhom moghtija.

Giet ezebita relazzjoni b'ritratti mehuda minn **<u>PS 198 u PS 1184</u>**, Dok AD folio 128.

**<u>PS 36</u>** ezebixxa bhala Scene of the Crime, ir-relazzjoni Dok AS a folio 135, kontenenti dak li gie elevat minn fuq ix-xena u ritratti ohra.

Senjalament l-**Ispizjar Mario Mifsud** ikkonkluda hekk, fl-analizi tas-sustanza u oggetti ohra lilu mghoddija. Fid-dokument MM a folio 47:

Ikkonkluda li ma sab ebda sustanza llegali fuq swabs mehuda minn fuq boroz tal-plastic, u par boots ta’ lewn iswed.

Fit-tieni relazzjoni kkonkluda hekk:

“

*Ghaldaqstant minn rizultanti miksuba l-Esponent l-Ispizjar Mario Mifsud, jista’ jikkonkludi li fit-trab l-abjad li kien hemm fid-dokumenti 02ALL201 u 202, f’ammont nett totali ta’ 36.849 grammi, instabet fih is-sustanza Herojina. Il-purita’ tal-Herojina kienet ta’ circa 55%. Il-Herojina hija sustanza li hija kkontrollata bil-Ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.*”

Issa l-Ispizjar Mario Mifsud ghamel din l-analizi fuq dokument moghti minn PS 36 Azzopardi fid-dokument 02ALL201 u 202 li jikkorrispondu ma’ trab abjad suspettat droga, elevat minn fuq il-post tal-incident (folio 141).

Ingab jixhed ukoll bhala xhud tal-Prosekuzzjoni **David Grech** - dan biex ma jinkriminax lilu nnifsu ghazel illi ma jixhidx.

Maghluqa l-provi tal-Prosekuzzjoni, intbaghat il-Kontro Ordni tal-Avukat Generali fil-konfront ta’ Suzette Farrugia (folio 284).

Talbet id-Difiza wkoll f’dan l-istadju, illi jigi redatt Social Inquiry Report, sar dan u gie ezebit minn **Angela Spagnol** a folio 314.

Qalet din dwar l-imputata Suzette Farrugia, (din ir-relazzjoni kienet tirrigwardja lilha biss - hawn gia’ kienet saret is-separazzjoni tal-gudizzju), li kellha esperjenzi ta’ abbuzi ta’ eta’ zghira; illi kienet tabbuza ghal xi zmien mid-droga; u li anke rrikorriet gewwa l-OASI.

Kienet anke rrikorriet minhabba l-esperjenzi ta’ tfulitha ghanda psiko-terapista. Qalet illi hi ta’ sittax(16)-il sena, l-imputata bdiet anke tabbuza mill-eroina (wara li ta’ tlettax(13)-il sena kienet bdiet bil-haxixa u alcohol).

Segwiet anke programm residenzjali fil-komunita’ ta’ Santa Marija, kif ukoll regghet gewwa l-OASI – qatt ma tammet ebda programm.

F’Novembru 2010 pero, kompliet b’success programm gewwa l-OASI. Kienet fis-sena 2012 fi stadju avvanzat tar-riabilitazzjoni taghha. Issottomettiet ruhha anke ghal testijiet ta’ urina minghjar pre-avvizi – testijiet li rrizultaw fin-negattiv.

Dak iz-zmien kienet qed issegwi kors l-universita’ fuq bazi part-time ghal bacellerat fil-Youth Studies.

Xehdet anke minn jeddha l-imputata **Suzette Farrugia**. Qalet, issa fis-sena 2013, illi kienet iggradwat diploma fil-Youth Studies u kienet qed taghmel BA fil-Criminology. Ikkonfermat illi ghamlet programm gewwa l-OASI u li kienet clean; illi kienet fit-tieni sena tal-BA. Kienet f’relazzjoni ma’ bniedem stabbli.

Ammettiet illi fi zmien il-kaz xejn ma kienet stabbli; li kienet iltaqghet ma’ Brian fil-programm, it-tnejn splittjaw - hu qabilha, mill-programm!

Tghid illi kellimha fuq id-droga, u kienet interessat ruhha biex tiehu. Meta ltaqghu l-ewwel darba hu hadilha u t-taha d-droga smack. Ma kinitx hallsitu taghha.

Kienu jitkellmu li t-tnejn kienu broke u kien staqsieha jekk riditx tiltaqa’ ma’ rgiel. Ghalkemm wegbitu li kellha tara, tghid illi qatt ma marret taghmel dan. Iltaqghet tghid mieghu dejjem fil-karozza ghal xi erba’(4) darbiet. Tghid illi qatt ma hadilha flus ghalkemm baqa’ jaghtieha l-smack. Kien jaghtieha ghal darba kull darba.

Qalet ukoll illi gewwa l-OASI kien isegwieha Dun Manwel.

Spjegat ukoll illi meta kienet zghira kienet giet abbuzata sesswalment, darbtejn, minn persuni differenti. Kellha disa’(9) snin.

Spjegat illi dakinhar tal-incident in ezami kien cemplilha Brian u marret biss biex jerga’ jaghtieha l-smack. Mar ghaliha bil-karozza ma’ martu u certu David li ltaqghet mieghu l-ewwel darba. Poggiet fil-karozza wara l-mara tieghu. Qalet ukoll illi marru f’xi post minn fejn Brian gab boots u tefghu quddiem fil-karozza, tahom lil Nathalie. Nizlu Bormla u tghid illi wiehed avvicina l-karozza u Brian kien ser jaghtieh pero f’daqqa wahda nqala’ hafna ghajjat u panic ghax marru fuqhom is-CID. Qalet ukoll li Brian startja. Qal illi Brian telaq, saq u anke habat go xi erba’(4) karozzi. Semaghtu anke jghid lil martu “*Armieha! Armieha ghax gejjin is-CID!*” (folio 359). Hawn il-mara qabdet il-borza li harget minn gol-boots, borza li hi ddeskriviet bhala wahda trasparenti bi trab abjad. Bdew jghaddu skondtha din il-borza lil xulxin sakemm spiccat ghandha. Tghid illi ramietha ghax bezghet. Ramietha mit-tieqa tal-karozza.

In kontro ezami kkonfermat dan kollu, anke kif id-droga spiccat ghandha wara. Innegat dak illi kien allega fuqha Brian – illi d-droga kienet ingabet fi ftehim maghha minghand l-gharus taghha ta’ dak iz-zmien. Cahdet illi kienet hi li kienet tat lil Brian dik id-droga.

Ikkonfermat illi hi kienet lesta tixhed bil-gurament fil-kawza kontra Brian Pace.

Ghandu jigi ritenut hawn mill-gdid, illi dak li xehed u qal Brian Pace fuq Suzette Farrugia, qatt ma gie kkonfermat bil-gurament quddiem din il-Qorti, bi pregudizzju ghad-Difiza li tikkontroezami l-istess, dan kif gia’ gie fuq espost.

Minn naha tieghu, **Dun Manwel Cordina** bhala fundatur u direttur tal-Fondazzjoni OASI, tkellem dwar l-imputata; dwar il-problemi ta’ tfulita; il-progress illi ghamlet fi hdan l-OASI; anke ggradwat; illi marret l-Universita’ u kienet ghadha hekk tistudja; illi kienet settled; kienet qieghda f’relazzjoni stabbli; kellha xoghol stabbli.

Issugerixxa kastig mhux vendikattiv, imma medecinali. Ghalkemm xehed fit-tul, in succinct fahhar u enfasizza l-progress tal-imputata.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti, a skans ta’ ripetizzjoni, mhux ser taghmel ebda referenza ghal dak illi xehed Brian Pace fuq Suzette Farrugia. Allura l-provi li jibqghu huma dawk illi qalet hi stess fl-istqarrija u dak illi xehdet viva voce - maghduda dawn ma’ dak illi rawha taghmel il-pulizija u s-sustanza elevata.

Irrizulta mir-relazzjoni tal-Ispizjar Mario Mifsud kif espost, illi t-trab elevat kien eroina fl-ammont ta’ 38.849 grammi. Dak migbur gialdadrba trab aktar tar fl-arja zgur.

Irrizulta ex admissis, u dan ikkonfermat mill-pulizija, illi kienet l-imputata li fil-fatt ramiet din l-eroina mit-tieqa tal-vettura.

Ma hemm ebda prova ohra ammissibbli kontra taghha.

Allura jirrizulta li hi kellha ghal xi hin il-pussess f'idejha ta' droga, liema droga ma kinitx ghall-uzu esklussiv taghha! Dan jirrizulta bla dubbju, dik id-droga giet ghandha biss biex tehles minnha, mhux ghaliha.

Taghmel referenza hawn ghal dak illi qalet il-Qorti fid-decizjoni fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Jason Mallia", deciza nhar it-2 ta' Settembru, 1999, Imhallef Vincent De Gaetano

"

*Dak illi l-Ligi tirrikjedi hu li jigu pruvati cirkostanzi li jissodisfaw lill-Qorti sal-grad tal-konvinciment morali "illi dak il-pussess ma kinx ghall-uzu esklussiv tal-hati". Fi kliem iehor, jekk persuna jkollha pussess ta' droga li mhux bi hsiebha tuza, tali pussess ikun jammonta ghal pussess mhux ghall-uzu esklussiv tal-pussessur, anke jekk il-pussessur ikun ghadu ma ddecidix kif bi hsiebu jiddisponi altrimenti minn dik id-droga. Bil-kelma 'uzu', il-legislatur, ried ifisser "konsum" u cioe' li l-pussessur juza huwa stess dik id-droga ossia jabbuza minnha billi jikkonsmaha. Ghalhekk persuna li ma jkollhix il-hsieb illi tuza d-droga izda li zzomm dik id-droga ghandha minghajr raguni valida skont il-Ligi biex eventwalment tara x'ha taghmel biha, ikollha mux biss pussess ta' dik id-droga, izda dak il-pussess ma jkunx jista' jinghad illi hu ghall-uzu eslussiv.*"

(Appell Numru 130/1999)

Hekk giet ripetutament interpretata mill-Qrati taghna din il-frasi "*mhux ghall-uzu esklussiv*", u frankament din il-Qorti thaddan dik l-interpretazzjoni.

Ma hemmx ebda interpretazzjoni ohra ghall-fatt illi Suzette Farrugia kellha, anke jekk ghal moment zghir, l-eroina f'idejha. La ma kinitx ghandha ghall-konsum taghha, kellha 'l hekk imsejjah il-pussess aggravat, u ta' dan hija hatja.

Id-diffikulta' kbira tal-Qorti, hawn hija l-piena li ghandha tigi nflitta b'mod tasattiv f'dan ir-reat – dik minima ta' sitt(6) xhur prigunerija.

Il-Qorti hija ferm konxja mill-progress li ghamlet l-imputata kemm fil-hajja personali taghha, emozzjonali, u anke dik akkademika – pero l-Ligi, misjuba dik il-htija, hi li hi. Dan anke tista' tarah "di viso".

Taghmel hawn il-Qorti ampja referenza ghal dak illi qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali mill-Prim Imhallef Dr Vincent De Gaetano, fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Marco Galea", deciza nhar il-5 ta' Mejju, 2008, Appell Kriminali Numru 327/2007. Dan ghaliex il-progress illi gie kkonstatat kemm fil-konfront ta' Marco Galea, huwa identika ghall-kaz in ezami. Qalet hekk il-Qorti:

"

*Jidher ghalhekk li din il-Qorti ghandha quddiemha kaz eccezzjonali fejn, fil-fehma kunsidrata taghha, il-piena ta' sitt xhur prigunerija (erba' xhur jekk tnaqqas il-one-third remission for good conduct) x'aktarx igibu fix-xejn dak kollu li l-appellat irnexxielu jikseb sa issa, u dan bi hsara mhux biss ta' l-istess appellat izda wkoll tas-socjeta` li fiha l-appellat illum jinsab integrat pjenament bhala membru onest u biezel. Il-kaz meritu ta' din il-kawza kien jirrigwarda att wiehed u ta' darba ta' traffikar ta' ammont minimu (doza wahda) ta' erojina fic-cirkostanzi aktar 'l fuq imsemmija. L-appellat ma ghamel xejn biex huwa b'xi mod itawwal il-proceduri kontra tieghu – dawn bdew fl-2004 ghas-semplici raguni li l-ewwel kellhom jintemmu l-proceduri kontra t-tfajla Caruana. Il-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati hadu l-kors normali taghhom kompatibbilment mal-volum ta' xoghol li ghandha dik il-qorti.*

*10. Kaz eccezzjonali jirrikjedi mizuri eccezzjonali. Kif inghad, din il-Qorti ghandha idejha marbuta kwantu ghall-piena. Pero` f'kaz eccezzjonali xejn ma jzomm lil din il-Qorti milli tirrakkomanda l-uzu tal-prerogattiva tal-mahfra. Fil-fehma kunsidrata ta' din il-Qorti, l-appellat ghandu jservi biss gimgha prigunerija – b'hekk jigi saldat id-dejn li huwa ghandu mas-socjeta` fir-rigward ta' l-att ta' traffikar li huwa wettaq – u ghalhekk il-Qorti sejra llum stess tirrakkomanda lill-awtorita` kompetenti li, hlief ghall-imsemmija gimgha, il-kumplament tal-piena ta' prigunerija jinhafer bil-kundizzjoni li Marco Galea ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett snin u li matul dawn it-tlett snin huwa jzomm kuntatt regolari ma' l-Ufficjal tal-Probation Mariella Camilleri hawn aktar 'l fuq imsemmija.*

*11. Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell ta' l-Avukat Generali u tirriforma s-sentenza appellata billi:*

*ii. tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellat Marco Galea hati skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu kif ukoll fejn ikkundannatu ghall-piena ta' erba mitt lira multa – illum multa ta' Euro 931.74 – u dan bil-modalitajiet ta' hlas rateali kif hemm indikat fl-istess sentenza tat-18 ta' Settembru 2007; u*

*iii. tikkundanna inoltre lil Marco Galea ghall-piena ta' sitt xhur prigunerija.*"

Qieghda ssir din l-ampja referenza, biex il-Qorti tigbed l-attenzjoni tal-awtoritajiet, id-diffikultajiet illi jigu prezentati lill-Qrati f'kazijiet simili - vera jigi verament konstatat progress, pero l-Ligi torbot idejn il-Qorti dwar il-piena.

Kif anke esrpima ruhu Dun Manwel Cordina, habs f'kazijiet bhal dan in dezamina, jista' biss ikun ta' hsara u jinhass anke vendikattiv - ghalkemm xorta jinhtieg illi jinholoq dak il-bilanc necessarju, ghax hsara u hsara kbira tkun qed issir lis-socjeta' b'reati ta' droga.

Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni wkoll, illi dawn il-proceduri ttawlu mhux bi htija tal-akkuzata. Fil-fatt ix-xhud David Grech kien ilu u baqa' jintalab mis-sena 2007 sakemm harget il-Kontro Ordni fis-sena 2010. Dan fil-fatt kien l-unika xhud illi baqa' jintalab. Oltre dan, ittawlu wkoll il-proceduri ghax Brian Pace ma bedix jigi notifikat. Illi fil-mori ta' dawn id-differimenti inutli, l-imputata hadet l-opportunita' li tindirizza lilha nnifisha! Dan ghandu jservi ta' attenwant lejha.

Ghalhekk din il-Qorti, wara li hadet dan kollu in konsiderazzjoni, u rat il-provi prodotti, qieghda tilliberaha mill-ewwel akkuza ta' assoccjazzjoni, u mit-tieni wahda ta' traffikar;

Pero, ghar-ragunijiet esposti, issibha hatja ta' pussess ta' droga eroina li ma kinitx ghall-uzu personali taghha, u dan wara li rat ir-4 u s-6 Taqsima tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta; GN 292/1939 (LS 101.2002); l-Artikoli 22(1) u 22(2)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Tikkundannaha ghal piena minima ta' sitt(6) xhur prigunerija, u ghal multa fl-ammont ta' erba' mija hamsa u sittin Ewro u sebgha u tmenin centezmu (€465.87), b'dan pero li terga' taghmel ampja referenza ghad-decizjoni ta' Marco Galea hawn citatata fir-rigward tal-piena.

Rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tikkundanna thallas l-ispejjez peritali ammontanti ghal mitejn u erbgha u ghoxrin Ewro u sitta u ghoxrin centezmu (€224.26).

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------